MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# CET

**MAGISTRAT DR.**
**GRIXTI GIOVANNI LL.D., LL.M.**

Seduta ta' 02 ta' Mejju, 2001

Numru. 424/2000
Kawza Numru. 40

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**-vs -**

**Bernard Attard ta’ 42 sena bin il-mejjet Felix u Gemma xebba Gatt li joqghod Nru 25, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex.**
**(Karta ta’ l-Identita` Nru. 24158 G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fit-3 ta’ Lulju 2000 ghall-habta tal-11:00 a.m. waqt li kien fl-Isptar Generali t’Ghawdex (1) volontarjament kiser il-bon ordni b’ ghajjat u storbju (2) aktar talli ngurja jew hedded lill-Hospital Surveillance Officer Thomas Casha, persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li

jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, (3) aktar talli fl-istess data, hin u post minghajr ma darab jew sawwat, hedded lill-istess Thomas Casha bi flixkun tal-hgieg.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Semghet il-provi u r-rinunzja tal-kwerelanti;

Fuq rinunzja tiddikjara l-procediment ezawrit fuq it-tieni u t-tielet akkuzi;

Semghet l-ammissjoni fuq l-ewwel akkuza;

Issibu hati fuq l-ewwel akkuza;

Rat l-artikoli 338 (dd) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghal canfira.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur